MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 262/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**Vs**
**Joseph Fonk**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli bejn Marzu 2005 u April 2005, gewwa Ta' Sliema u gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar il-Hamis, 21 ta' April 2005, ghall-habta ta' 13:30 ta' wara nofsinhar, seraq minn gewwa SISA Supermarket, Triq Amery, Sliema, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut liema serq ma jaqbizx il-mitt lira Maltin (LM100);

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) U fl-ahhar nett talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti Kriminali, datata 24 ta' Mejju 1989, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi 18, 31, 49, 50, 284 u 285 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni w illiberatu mit-tieni w it-tielet imputazzjoni, w ikkundannatu ghal xahar u nofs prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Settembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mit-tieni w mit-tielet imputazzjoni, tbiddilha f'dik li hi piena billi taghti piena aktar xierqa w gusta w li tkun aktar addattata ghac-cirkostanzi tal-kaz. F'kaz li din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza appellata hija gusta, tapplika minflok piena karcerarja sentenza sospiza.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe':- li hu hassu aggravat bil-piena inflitta mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex il-prosekuzzjoni fic-citazzjoni ccitat l-artikolu 18 meta skond l-appellant il-Qorti qatt ma setghet tiehu in konsiderazzjoni tar-reat kontinwat ghax il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant b'serqa wahda biss u cioe' dik tal-21 t' April, 2005. Illi l-appellant gie akkuzat b' serq ta' inqas minn mitt lira u fl-atti tal-kawza ma giex specifikat bejn wiehed u iehor l-ammont tas-serq. L-Ewwel Qortri ikkwotat l-artikolu 285 li jinkludi s-serq semplici u anki s-serq fejn il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn ghaxar liri. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha toqghod

fuq il-kaz ta’ serq fejn il-valur ma jecedix l-ghaxar liri. Illi ladarba ma kienx hemm ir-reat kontinwat kif ukoll lanqasl-ammont ta’ aktar minn ghaxar liri maltin, l-piena kellha tigi kunsidrata bejn il-binarju minn gurnata sa tlitt xhur prigunerija u mhux kif tenniet l-Ewwel Qorti minn xaharejn sa disa’ xhur prigunerija. Illi meta wiehed iqis l-ammissjoni bikrija tal-appellant u l-motiv tas-serq, fic-cirkostanzi l-piena kienet wahda esagerata.

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekluzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell huwa bid-dikjarar limitat ghall-piena, pero’ fl-istess waqt iqajjem certi aggravji li aktar jolqtu l-mertu tal-htija milli l-piena “ut sic”.**

**Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza appellata wara lil-appellant kien irregistra ammissjoni inkondizzjonata fl-ewwel seduta quddiemha.**

**Illi kif gie ripetutament ritenut u ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali):-**

***“…meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta’ tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienetx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero’, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkunx hemm xejn x’ jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.”*** **(ara App.Krim. :** “The Republic of Malta vs. Ahmed Ben Tasher” **[6.10.2003];** **”**Ir-Repubblika ta’ Malta vs.

Mohammed Mohamed Abusetta” **[4.12.2003];** ”Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Serag F. Ben Abid**”** **[4.12.2003],** ”Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Dominic Bonnici” **[11.11.2004] u ohrajn.) .**

**Ikkonsidrat ;**

Li f’ dan il-kaz, l-appellant, li kien assistit minn avukat difensur quddiem l-Ewwel Qorti, x’ aktarx - kif jidher li qed jigri ta’ spiss - bl-isperanza li l-ammissjoni bikrija twassal ghal sentenza leggera, ddecieda li jammetti l-akkuza kif kienet dedotta bla ebda rizerva u minghajr ma talab ebda skjarita jew korrezzjoni mill-prosekuzzjoni. Hekk gie ammetta akkuza ta’ reat kontinwat, meta proprjament kien qed jigi addebitat lilu serqa wahda. Inoltre, lanqas ma nsista li l-akkuza – jekk kien il-kaz – tispecifika li l-valur tal-oggett misruq ma kienx jedccedi l-ghaxar liri. Dawn il-kwistjonijiet qed iqajjimhom biss issa fl-istadju tal-appell. Illi dan hu agir skorrett u din il-Qorti ma hix behsiebha tinkoraggieh. L-akkuzat, specjalment meta jkun assistit, m’ ghandux l-ewwel jammetti bl-addocc, umbaghad, meta s-sentenza ma tkunx skond l-aspettattiva tieghu, jerga’ jissolleva kwistjonijiet li jolqtu l-mertu fl-istadju t’appell.

**Inutili li tali lanjanzi jsiru taht il-*“camouflage*” t’ appell mill-piena, ghaliex dawn jolqtu biss il-mertu tar-responsabbilta’ kriminali li l-appellant kien accetta bl-ammissjoni inkondizzjonata tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Illi f’kull kaz, jintqal li bil-fatt lil-appellant kien qed jammetti akkuza ta’ serq kif dedotta fic-citazzjoni u cioe’ “*li ma jaqbizx il-mitt lira maltin (LM100)”* implicitament kien qed jaccetta li dan il-kaz ma kienx wiehed li jaqa’ taht il-proviso tal-artikolu 285 u cioe’ kaz fejn il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn ghaxar liri.**

**Ikkonsidrat;**

**Li l-piena ghar-reat kif ammess, anki bla ma jitqies bhala reat kontinwat, kienet dik ta prigunerija minn**

**zmien xahar sa sitt xhur u ghalhekk il-piena ta’ xahar u nofs habs kienet ferm aktar vicin il-minimu milli lejn il-massimu ta’ sitt xhur prigunerija.**

**Li umbaghad, anki kieku wiehed kellu jaccetta s-sottomissjoni tal-appellant li dan kellu jitqies bhala reat wiehed ta’ serq fejn il-valur ma jeccedix l-ghaxar liri w fejn il-piena massima allura kienet tkun dik ta’ tlitt xhur prigunerija, skond il-proviso tal-artikolu 285 tal-Kodici Kriminali, xorta wahda l-piena erogata hija sew entro l-parametri tal-ligi.**

**Li l-Ewwel Qorti qieset l-ammissjoni bikrija, pero’ qieset ukoll il-fedina penali tal-appellant li minnha jirrizulta li kien gie misjub hati b’ sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta’ Mejju, 1989, tal-omicidju volontarju ta’ martu w sentenzat ghall-ghoxrin sena prigunerija.**

**Konsidrat dan kollu, din il-Qorti hija sodisfatta li l-piena erogata ma kienet bl-ebda mod eccessiva fic-cirkostanzi.**

**Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------